**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 881/97

Michael Attard

vs

Chairman Enemalta Corporation

Illum 26 ta' Frar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b' mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1990 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien jikkwalifika ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Huwa dahal jahdem mal-Enemalta fl-1981 bhala Plant Operator. Huwa kien stazzjonat Has-Sabtan u Ras Hanzir il-Marsa.

Fl-1990 meta kien jokkupa l-kariga ta' Works Technical Officer kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjoni ghal-Technical Officer 1. Huwa applika u baghtu ghalih biex jaghmel ezami tal-kitba u wara ghall-interview.

Huwa ghamel l-ezami u ghadda, u ghaldaqstant ghamel l-interview xi ftit taz-zmien wara, u billi hass li kien mar tajjeb hafna u diga kellu esperjenza vasta f'dik il-kariga, ma kellux dubju li ma kienx ser jigi maghzul ghal din il-kariga.

Meta hargu r-rizultati, sab li kien ghadda izda gie mpoggi t-tielet wiehed fl-ordni tal-mertu u ghaldaqstant kien gie maqbuz minn ohrajn li ma kellhomx kwalifiki u esperjenza daqsu. Ta' min isemmi li min inghata din il-kariga barra li gie mqabbez xi tliet gradi, ma kellux esperjenza teknika bhalu u din kienet rikjesta f'din il-kariga.

Ghaldaqstant hass li huwa gie mtellef l-opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu ingustament minhabba t-twemmin politiku tieghu u b' hekk sofra danni finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju

billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni li kien gie mtellef ingustament b' lura mid-data li kienet harget kif ukoll jigi kkumpensat ghad-danni li sofra, skond kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi permezz ta' Cirkulari numru 68/89 li ggib id-data tad-19 ta' Dicembru 1989, il-Korporazzjoni Enemalta ghamlet sejha ghall-applikazzjonijiet minn fost l-impjegati taghha ghall-mili ta' Post ta' Technical Officer I fid-Divizjoni tal-Petroleum tal-Korporazzjoni.

Illi ghal dan il-post kien hemm hames applikanti fosthom ir-rikorrent;

Illi skond ir-rizultati tal-Bord ta' l-Ghazla kif ippubblikati permezz ta' rapport li jgib id-data ta' 10 ta' Frar 1990 ir-rikorrent gie fit-tielet post fl-ordni tal-mertu u ghaldaqstant ma kienx eligibbli ghal post li kien applika ghalih.

Illi l-Bord ta' l-Ghazla mexa skond kif provdut f'Appendici C tal-Ftehim Kollettiv fis-sehh bejn il-General Workers' Union u l-Korporazzjoni Enemalta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma l-verita` kollha tal-fatti msemmija fir-rikors. Huwa esebixxa l-kopja tas-City and Guilds of London Institute, certifikat fil-General, Mechanical and Practical Work Assessment.  Semma  li kien informa lill-Bord b' dawn ic-certifikati waqt l-interview.

Emanuel Barbara li jahdem mal-Enemalta Corporation fil-Petroleum Division ghal dawn l-ahhar 20 sena semma li jaf lir-rikorrent jahdem tahtu ghal xi 20 sena sakemm spicca mill-Enemalta.  Lir-rikorrent dejjem jafu bhala point of reference meta jkun hemm xi hsarat fuq il-pompi tal-fuel, bhala diligenti hafna, li ghandu inizjattiva, jobdi l-ordnijiet u li haqqu kull tifhir ghax dejjem sabu jikkopera f` kollox u bl-aktar mod efficjenti.

Dwar il-promozzjonijiet tal-1988-1989 gew qablu Callus u Caruana. Callus kien jahdem taht ix-xhud ukoll, u Caruana le pero` kien jafu wkoll. Meta marru mieghu t-tnejn, wiehed minnhom ir-rikorrent, kien gja gie b' certu sengha, waqt li Callus kien biss timekeeper. Callus xoghol ta` teknika qatt ma ghamel. Caruana bhala sengha ma tantx jaf x` ghandu. Ir-rikorrent kien wiehed mill-aktar haddiema tajbin li kellhom.

Joe Mangion Principal mal-Korporazzjoni Enemalta xehed li r-rikorrent kien applika ghall-promozzjoni ta' Technical Officer 1 Fuel Operations. L-applikazzjoni kienet harget fid-19 ta' Dicembru 1989. Saru ezami bil-miktub kif ukoll interviews. Ir-rikorrent kien ghamilhom. Kien l-istess bord li ezamina kemm il-karti kif ukoll ghamel l-interviews. Ir-rikorrent mir-written kien gab 45 out of 100 u fl-interview gab 60 out of 100 b' total ta' 105 minn 200 marka. Ir-rikorrent gie klassifikat it-tielet. Fil-fatt kariga wahda biss kellha tinghata. Il-persuna li ntaghazlet kienet Gaetano Callus u dak li gie t-tieni kien Saviour Caruana. Ir-rikorrent kien fil-kariga ta' WTO fl-1990 waqt li Callus kien Supervisor. Esebixxa kopja tac-cirkolari inkluz id-definition of duties, kopja tal-karta tal-ezami u r-risposti ta' li ghaddew. Specifika li c-cirkolari ghall-post ma kenitx ghal post tekniku u dan kif jirrizulta minn Dokument MZ a fol 47 tal-process. Dan jirrizulta wkoll mid-definition of duties. Callus kien zewg gradi taht Attard. L-applikazzjoni kienet ghal Technical Officer 1 Fuel Operation. Meta dan Callus lahaq ghal Technical Officer 1 ovvjament qabez zewg gradi plus li ha l-grad l-iehor tal-kariga.

John Giuliano li kien membru tal-bord semma li minhabba li ghadda hafna zmien ma jiftakarx id-dettalji tal-kaz.

**KONKLUZJONIJIET:**

It-Tribunal jibda biex jghid li r-rikorrent ipprezenta nota biex jipprova li Gaetano Callus ma kienx eligibbli ghal Technical Officer II Fuel Operations u dan kif jidher a fol 51 tal-process. Fil-fehema tat-Tribunal din ma tiswa xejn ghax il-post li dwaru r-rikorrent ghamel l-ilment huwa dak ta' Technical Officer I u mhux II.

Il-korporazzjoni intimata sostniet li saru l-applikazzjonijiet necessarji, gie nominat bord ta' ghazla, sar l-ezami skritt u interview u minn hames applikanti ghaddew tlieta, fejn ir-rikorrent gie t-tielet b' total ta' 105 marki minn 200. L-ewwel gie Callus b' 135 marki u t-tieni S. Caruana b' 110 marki. Intghazel wiehed u cioe` Callus. Ghalhekk il-korporazzjoni sostniet li l-ilment tar-rikorrent ma ghandux bazi. Sostniet ukoll li n-natura tal-post mhix wahda teknika u infatti dan jirrizulta mid-dokument MZ a fol 47 tal-process ghalkemm il-kariga hija ta' Technical Officer I.

Gew esebiti kopja tal-karta tal-ezami u r-risposti ta' l-ezami skritt. Naturalment dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jaghmel evalwazzjoni tar-risposti minhabba li kif jidher mid-domandi tal-ezami a fol 24 u 25 dawn huma ta' natura teknika u mhux amministrattiva ghalkemm il-korporazzjoni intimata sostniet li ghall-post in kwistjoni ma hemmx bzonn ta' kompetenza teknika.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Issa rrizulta li Callus kien zewg gradi taht Attard u ghalhekk meta lahaq, fi kliem is-Sur Mangion "qabez zewg gradi plus li ha l-grad iehor tal-kariga" – ossija ha tliet promozzjonijiet f' wahda. Mid-depozizzjoni ta' Emanuel Barbara li kien jahdem mal-korporazzjoni intimata fil-Petroleum Division ghal 20 sena jirrizulta li kien jaf sewwa lir-rikorrent li dam jahdem mieghu ghal xi 20 sena u kien dejjem jafu bhala point of reference dwar hsarat fuq il-pompi tal-fuel u kkunsidrah diligenti, ta' inizjattiva, ta' dixxiplina, efficjenti u jikkopera f' kollox. Dan semma li Callus kien jahdem tahtu wkoll u li filwaqt li r-rikorrent kien gja kellu certu sengha Callus kien biss Timekeeper u xoghol ta' teknika qatt ma ghamel.

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal isib li l-affarijiet ma mxewx kif suppost ghax stramba hafna kif wara kliem ta' tifhir bhal dak ta' Barbara dwar ir-rikorrent Callus kellu jiehu l-promozzjoni u b' hekk jiehu tliet promozzjonijiet f' daqqa. Ghal dawn il-motivi ma jistax jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-korporazzjoni intimata.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Technical Officer I b' effett mill-1990 mill-istess data li fiha sar Gaetano Callus u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-korporazzjoni intimata.